# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# Decizjoni Nru 1733

Kaz Nru. 2329CD

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Anthony Calamatta (ID133465 M)

u

Y & P Marketing Malta Limited

*dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta*

Illum il-Gimgha 20 ta' Ottubru 2006

**Chairman: Is-Sur Carmel Debono**

**Introduzzjoni.**

Din il-Kwistjoni tax-Xoghol giet irriferita lit-Tribunal Industrijali b' dikjarazzjoni fir-Registru tal-Qrati Superjuri datata t-28 ta' Ottubru 2005 biex tigi pprocessata mit-Tribunal Industrijali skond it-termini ta' l-Att XXII tas-sena 2002 dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali.

It-Tribunal zamm hames (5) seduti.

L-appellant is-Sur Anthony Calamatta kien assistit mill-Avv Dr George Abela LL.D. u l-kumpanija intimata kienet rapprezentata mis-Sur Raymond Gauci, Managing Director assistit mill-Avv Dr Ivan Gatt LL.D.

**Xhieda**

Tul is-smiegh tal-kaz xehedu s-segwenti individwi:

| | |
|---|---|
| Anthony Calamatta | l-appellant |
| Raymond Gauci | Managing Director |

**3. Dokumenti**

Tul is-smiegh tal-kwistjoni gew esebiti u pprezentati xi dokumenti.

**L-Istorja**

L-appellant Anthony Calamatta gie impjegat mas-socjeta Y & P Marketing Malta Ltd fit-18 ta' Ottubru 2004 bhala *Serviceman* b'paga jew salarju ta' Lm81.75 fil-gimgha. L-appellant jghid li kien jiehu Lm100 fil-gimgha u ta' dan ma hemm xejn irrekkordjat. Hu safa mkecci fil-21 ta' Lulju 2005 sommarjament u irrifjuta li jithallas Lm200 bhala *notice money*.

**Sottomissjonijiet**

L-appellant jghid li tkecca minghajr raguni serja gustifikata meta dejjem ghamel dak li kien ordnat pero jghid li hu ma kienx jahdem wara l-erba meta jispicca mill-gurnata tieghu izda jzid li gieli hadem saghra f'xi okkazzjoni. Is-socjeta issostni li tkecca ghal raguni gusta u sufficjenti minhabba li ma setghetx tissaporti izjed in-nuqqas ta' l-appellant li jwarrab minn fuq ix-xoghol biex jaqdi dmirijiet ohra konnessi ma' xoghol privat, ghallavolja kien jitlob il-permess tal-*Management* li jghamel hekk.

**Kunsiderazzjonijiet**

Dan huwa kaz fejn jikkoncerna xoghol privat ma' xoghol tas-socjeta li tghid li ghalkemm ma kellha l-ebda oggezzjoni li l-appellant jghamel xoghol privat ma setghetx thallieh li jinterferja ma' dawk taghha u ma setghetx tissaportieh izjed, specjalment fejn tidhol is-sahha ta' l-appellant ghal qadi ta' dmirijietu. Infatti r-raguni ghat-terminazzjoni ta' l-impieg li tnizzlet mis-socjeta fuq il-formola ta' l-ETC bhala ragunijiet ta' sahha, raguni li ma gietx accettata bhala raguni valida mill-*Medical Appointment Referral* datat s-27 ta' Lulju 2005.

It-Tribunal innota li fix-xhieda tieghu l-appellant ammetta li bejn li jaqla hamsa u erbghejn lira (Lm45) talli jpoggi *air-conditioner* u zewg liri (Lm2) meta jahdem siegha sahra, l-ghazla kienet tkun ta' l-ewwel u intqal li kien jiftahar ma' shabu tax-xoghol li kien jaqla l-flus meta jwahhal *air-conditioners*. It-Tribunal jirrimarka li ma setax jonqos li s-sid kien jinfiska ruhu. Veru li s-sid xehed li ma kienx isib oggezzjoni li l-appellant jghamel xoghol privat wara l-gurnata tax-xoghol, izda hija l-fehma tat-Tribunal li s-sid ma kienx jiehu gost li kellu mpjegat li ma kienx dispost li jishar. Veru li s-sid ma setax u l-ebda sid ma jista' jimpedixxi lill-impjegat li jahdem xoghol privat, izda wiehed irid jifhem wkoll li ma jkunx jista jghamel uzu minnu specjalment fejn il-*workforce* tkun limitata fin-numru ta' impjegati. Huwa veru wkoll li l-appellant qal li gie li ghamel sahra izda din kienet tkun l-eccezzjoni.

Fejn zbalja s-sid huwa li ma kienx kontra l-arrangament ta' l-appellant meta impjegah u kompla jizbalja meta iddecieda li jitterminalu l-impieg sommarjament, meta l-anqas ma tah twissija bil-miktub wahda u l-anqas id-dritt li jiddefendi lilu nnifsu u almenu jipprova l-andament tieghu.

Minn naha l-ohra l-appellant missu gharaf jiddistingwi bejn xoghol privat ghal certu zmien stagjonali u xoghol fiss ghas-sena kollha mas-socjeta li mpjegatu. L-anqas ma jista t-Tribunal japprova l-mod hazin li uza meta mar id-dar tas-sid biex jitlob sodisfazjon l-ghala itterminalu l-impieg.

It-Tribunal jemmen li barra d-drittijiet l-impjegat ghandu wkoll id-doveri u ghalhekk jidher li tutto sommato l-partijiet naqsu t-tnejn f'dan ir-rigward, minn haga jew f'ohra pero zgur li ma tasalx jekk mhux ghal xi haga gravi li titterminalu l-impjieg sommarjament.

**Decizjoni**

Wara li t-Tribunal ra u kkunsidra l-istatements of case tal-partijiet, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti sema u evalwa x-xhieda prodotti, ra u sema s-sottomissjonijiet tal-partijiet, kif wkoll ikkunsidrhom dejjem fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet tieghu citati hawn fuq isib li t-terminazzjoni sommarja ta' l-appellant Anthony Calamatta ma kienetx minhabba raguni ta' sahha kif imnizzla fit-*termination form* ta' l-ETC u ghalhekk kienet ingusta.

Ghalhekk minhabba r-ragunijiet li t-Tribunal spjega fil-kunsiderazzjonijiet tieghu sejjer jillimita l-kumpens li l-kumpanija Y & P Marketing Malta Ltd ghandu jaghti lill-appellant ghall-hames xhur li kien bla xoghol is-somma ta' seba mija u tnejn u sebghin lira (Lm772) bhala kumpens kif ukoll is-somma ta' mitejn lira (Lm200) dovuta lilu bhala *notice money* total ta' disa mija u tnejn u sebghejn lira (Lm972) fi zmien xahar mid-data ta' dan l-*award*.

Ghall-finijiet ta' drittijiet li jithallsu t-Tribunal Industrijali qieghed jiffissa dawn fis-somma ta' erbghin Liri Maltin (Lm40) lil kull wiehed mid-difensuri li assistew lill-partijiet.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

------------------------

Carmel Debono

Chairman